MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 22/2008

**Victor Hili.**

**vs**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors tal-appell ta' Victor Hili datat 29 ta' Dicembru 2008 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi l-esponenti kien ilu jahdem mas-socjeta' intimata ghal madwar tnax-il sena meta huwa kellu kuntratt defenit u ftit xhur qabel ma spicca l-kuntratt defenit huwa gie offrut xoghol b'kundizzjonijiet inferjuri u li ghalhekk huwa prezenta l-kaz tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali u dan *stante* illi l-kuntratt definit kien wiehed ta' impjieg kontinwu ta' aktar minn erba' snin u li allura kellu b'mod awtomatiku

skont l-istess **Avviz Legali 51 tal-2007** li dahal fil-mori tas-smigh tal-kawza, jsir wiehed bl-istess kundizzjonijiet tal-kuntratt originali indefinit

Illi s-socjeta' intimtata f'risposta taghha qalet illi x-xoghol tar-rikorrent kien wiehed specjalizzat hafna u kellu paga tajba pero' l-*performance* tax-xoghol tieghu ma baqghetx tajba u ghalhekk sabulu xoghol alternattiv b'paga inqas;

Illi fis-sentenza tieghu t-Tribunal Industrijali cahad it-talbiet tal-esponenti u ddecieda li ma kienx hemm tibdil fil-kudizzjonijiet tal-impjieg li jmorru kontra l-Ligi;

Illi l-esponenti filwaqt li jaghmel referenza ghall-atti kollha u dokumenti kollha f'dawn il-proceduri inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet tal-esponenti, jiddikjara li hassu aggravat minn din id-decizjoni u ghalhekk qed jissottometti dan l-appell ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

Aggravji:-

1. Illi t-Tribunal Industrijali ghamel apprezzament hazin tal-Ligi f'dak li jirrigwardja l-applikazzjoni tal-**Avviz Legali 51 tal-2007** meta fl-**artikolu 7** tal-istess Avviz Legali jitkellem car ghall-kaz in ezami, illi kuntratt ta' servizz ghal zmien fiss ghandu jinbidel f'kuntratt ta' servizz ghaz-zmien indefinit, jekk *"l-impjegat kien impjegat kontinwament b'kuntratt bhal dak ghal zmien fiss kif imsemmi, jew taht dak il-kuntratt mehud flimkien ma' kuntratt jew kuntratti ta' servizz procedenti ghal zmien fiss li jeccedi perjodu ta ' impjieg kontinwu ghal aktar minn erba' snin ".*

2. Illi anke l-fatti li fuqhom rabat ic-Chairman tat-Tribunal fis-sentenza tieghu wkoll huma zbaljati. Per ezempju, meta huwa jghid, *"Victor Hili qed jippretendi li jibbenifika taht il-Ligi Avviz Legali 51 tas-sena 2007, ma jistax jippretendi li jiehu l-beneficcju biss. Victor Hili kien ibbenefika minn somma ta' 'l fuq minn Lm24,000 ta' terminal bonus. Issa jew jaccetta li x-xoghol tieghu gie terminat u ha din is-somma flus jew jaccetta li l-impjieg tieghu huwa wiehed kontinwu u jkompli jahdem fejn kien. Mhux gust li Victor Hili jippretendi li jibbenefika taht xi Ligi*

*meta accetta li x-xoghol tieghu jigi terminat u ha l-flus."* Anke hawn kompletament zbaljat kien it-Tribunal Industrijali ghaliex apparti li l-flus li ha l-appellant kienu jammontaw ghal LM10,750 u mhux Lm24,000 dawn kienu *end of contract bonus* imma fl-ebda moment ma kienu indikazzjoni taht xi patt jew ftehim li dan kien ifisser it-terminazzjoni tax-xoghol anzi l-iskop ta' *end of contract bonus* kien qed iservi bhala incentiv li l-appellant ikompli bit-term kollu tal-kuntratt tax-xoghol, fuq kollox is-socjeta' ntimata kellha bizzejjed kundizzjomjiet fil-kuntratt biex tissalvagwardja per ezempju n-*non performance* u ghalhekk anke hawnhekk, it-Tribunal inutili ghamel referenza ghal Victor Denaro.

3. Illi anke f'dak li jinghad mit-Tnbunal li l-appellant tnizzel ghall-grad H2 wara *re-organisation* meta effettivament huwa gie *upgraded* minn H1 ghal H2 u allura mhux *dowgraded* imma *upgraded* u li ghalhekk ladarba huwa ma naqax bil-kundizzjonjiet kif kien originarjament taht il-kuntratt originali f'kategorija ferm ghola mill-H2 wara r-riorganizzazzjoni jirrizulta b'mod car li kien hemm tibdil fil-kundizzjonjiet ta' impjieg li jmorru kontra l-**Avviz Legali 51 tal-2007.**

Ghalhekk il-Qorti hija mitluba li thassar u tirrevoka s-sentenza tat-Tribunal Industrijali tal-15 ta' Dicembru 2008 u tilqa' t-talbiet fir-rikors tal-appellanti.

Rat li l-inkartament ta' dan il-kaz gie mdahhal fl-atti ta' din il-kawza fit-12 ta' Jannar 2009.

Rat ir-risposta tas-socjeta' appellata Bank of Valletta plc datata 20 ta' Jannar 2005 a fol. 5 tal-process fejn ecceppiet:-

Illi d-decizjoni appellata moghtija mit-Tribunal Indusrjali fil-15 ta' Dicembru 2008 ghandha tigi kkonfermata.

L-aggravji citati huma tlieta u l-appellati jissottomettu kif gej dwar dawn.

1) Illi kien hemm apprezzament hazin tal-ligi (AL51.2207 Art. 7)

Fl-umli sottomissjoni tal-appellati, *stante* illi t-Tribunal Industrijali stabbilixxa bhala fatt illi l-appellant kien uzufruwixxa minn hlas terminali ta' somma konsiderevoli, id-decizjoni tat-Tribunal illi l-istess appellant ma setax jipproproni ghalhekk illi kellu xi drittijiet naxxenti mill-kuntratt tal-impieg tieghu, liema kuntratt kien gie saldat mill-hlas imsemmi, kienet ghaldaqstant korretta.

2) Illi t-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-fatti

It-Tribunal, fi proceduri quddiemu, hu l-uniku gudikant tal-fatti u ma jistax ikun hemm appell fuq dan l-aspett.

Fi kwalunkwe kaz, l-appellant mhux minnu li thallas l-ammont li qed jasserixxi fir-rikors tal-appell. Thallas is-somma kollha skont il-kuntratt li kien qed jigi ssaldat, b'nuqqas skont il-ligi tat-taxxa. Jekk ghandu xi ilment dwar dan, jista' jirreferi lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

3) Illi kien hemm zball fin-nomenklatura (H1 /H2)

Fl-umli fehma tal-appellati, apparti li din hi kwistjoni ta' fatt li ma hemmx appell dwarha, dan hu lapsus immaterjali ghall-mertu tal-kaz.

Ghaldaqstant, l-appell ghandu jigi michud.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Philip Sciberras tas-27 ta’ Marzu 2009 fejn gie verbalizzat li peress illi l-Imhallef hu azzjonista tal-BOV, il-Qorti kif hekk presjdudta rat l-**artikolu 734 (d) tal-Kap 12**, u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta’ l-appell u irrimetiet il-process lir-Registratur biex l-istess jigi assenjat skont il-ligi.

Rat is-surroga maghmula fit-13 ta’ April 2009 fejn din il-Qorti kif komposta giet assenjata sabiex tisma’dan l-appell.

Rat li l-appell gie appuntat minn din il-Qorti kif hekk presjeduta biex jinstema'  fid-19 ta' Mejju 2009.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tad-19 ta' Mejju 2009 fejn meta ssejjah l-appell dehru d-difensuri tal-partijiet u l-partijiet prezenti u wara li gie trattat, l-appell gie differit ghas-sentenza stakolu ghad-29 ta' Ottubru 2009.

Rat l-process relattiv tal-kaz in ezami quddiem it-Tribunal Industrijali fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn Victor Hili vs Bank of Valletta plc – Kaz. Numru 2350/MF deciz fil-15 ta' Dicembru 2008 u l-atti kollha relattivi.

Rat id-decizjoni tal-istess Tribunal Industrijali tal-15 ta' Dicembru 2008 Decizjoni Numru 1891.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dan huwa appell minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali datata 15 ta' Dicembru 2008 fil-kaz Numru 2350/MF fl-ismijiet premessi fejn l-istess Tribunal iddecieda li l-appellant odjern ma settax jippretendi li jibbenifika taht id-disposizzjonijiet tal-**Avviz Legali 51 tat-2007** peress li huwa accetta hlas ta' Lm24,000 bhala *terminal bonus*, u b'hekk accetta li l-kuntratt ta' xoghol li kien gie terminat u ghalhekk ma jistax illum jippretendi ukoll li xoghol tieghu jkun kontinwazzjoni tax-xoghol li kellu skont id-disposizzjonijiet tal-ligi. Apparti dan, l-istess Tribunal sostna li jemmen lil Victor Denaro li l-appellanti kellu nuqqas ta' *management skills* u allura kien hemm bzonn li jiccaqlaq u li allura l-Bank appellat kien gustifikat fl-agir tieghu fil-konfront tal-appellant odjern u allura kkonkluda li ma kienx hemm tibdil fil-kondizzjonijiet ta' impjieg li jmorru kontra l-ligi.

Illi l-appellanti odjern hassu aggravat b'din id-decizjoni u dan peress li sostna li sar apprezzament hazin tal-ligi ghaliex skont l-**artikolu 7 tal-Avviz Legali 51 tal-2007** l-appellant ghandu d-dritt li l-kuntratt tieghu ghaz-zmien definit jinbidel f'kuntratt ghaz-zmien indefinit; l-motivazzjoni kienet tad-decizjoni tat-Tribunal Industrijali kienet zbaljata ghaliex l-ammont ta' Lm10,750 (mhux Lm24,000) li effettivament thallas lill-appellant kien fil-fatt *end of contract bonus* u mhux terminazzjoni tal-kuntratt ta' xoghol tal-appellant mis-socjeta` appellata; effettivament l-appellat ma giex *downgraded* izda *upgraded* minn grad ta' H1 ghal H2 u allura ma kien hemm ebda raguni ghaliex kellu jkollu kondizzjonijiet inferjuri ghal dak li kellu skont il-kuntratt definit.

Illi s-socjeta` appellata sostniet li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali hija gusta u timmerita konferma peress huwa korrett li l-appellat usufruixxa ruhu minn hlas terminali skont il-kuntratt li kellu u ghalhekk is-sitwazzjoni tieghu giet b'hekk saldata u ma jistax illum *"jipproponi ….xi drittijiet naxxenti mill-kuntratt tal-impjieg tieghu……";* it-Tribunal ghamel apprezzament ta' fatti li ma hemmx appelli dwarhom; dwar zball ta' nonemklatura dwar il-grad tal-appellant din hija xorta kwistjoni ta' fatt, u tali lapsus huwa mmaterjali ghall-mertu tal-kaz.

Illi wara li ezaminat l-atti kollha migjuba quddiemha jirrizulta lil din il-Qorti li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tal-15 ta' Dicembru 2008 hija legalment zbaljata u dan peress li hemm interpretazzjoni zbaljata tal-ligi u fil-verita' nuqqas ta' applikazzjoni tal-**artikolu 7 (1) u (2) tal-Avviz Legali 429 tas-sena 2002** u llum tal-**artikolu 7 (1) tal-Avviz Legali 51 tas-sena 2007** dwar **Kuntratti ta' Servizz Ghal Terminu ta' Zmien Fiss.**

Illi fil-fatt jirrizulta li l-appelant kellu kuntratt ta' impjieg ghal zmien definit datat 18 ta' Ottubru 2000 ghal zmien ta' hames (5) snin (mill-1 ta' Dicembru 2000 sat-30 ta' Novembru 2005), u dan minbarra l-fatt li kien ilu mpjegat mal-Bank ghall-perjodu b'kollox ta' hmistax-il sena kien, u dan kien jikkwalifika lill-appellant sabiex jesigi fil-konfront tieghu l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet fuq citati tal-

**artikolu 7 (1) u (2) tal-Avviz Legali 429 tas-sena 2002** u llum tal-**artikolu 7 (1) tal-Avviz Legali 51 tas-sena 2007** dwar **Kuntratti ta' Servizz Ghal Terminu ta' Zmien Fiss,** li permezz taghhom l-impjegat taht kuntratt fiss inghata d-dritt li l-kuntratt tax-xoghol tieghu jigi kkunsidrat bhala wiehed ta' tul indefinit b'dan li l-istess impjegat ma kellux ikollu kondizzjonijiet inqas favorevoli minn dawk li kellu taht il-kuntratt definittiv u l-*employer* ma setax jirrifjuta li jgedded l-istess kuntratt.

Illi bid-decizjoni tieghu l-istess Tribunal Industrijali ddecieda li tali beneficcju ma japplikax ghall-appellant odjern ghaliex skont l-istess decizjoni l-appellant accetta hlas *per saldo* sabiex jigi tterminat il-kuntratt ta' xoghol definittiv li kellu u b'hekk allura sostna li huwa dahal bil-kunsens tieghu b'kuntratt gdid mal-istess socjeta' appellata. Izda dan huwa kollu kemm huwa legalment zbaljat peress li jirrizulta li l-hlas li sar mis-socjeta' appellata lill-appellant kien *end of contract bonus* skont paragrafu 5 tal-istess kuntratt bejn il-partijiet, b'dan li tali hlas kien effettivament jikkonferma li z-zewg partijiet esegwew u onoraw l-istess kuntratt u zgur li la legalment u lanqas fattwalment ma kien hemm xi terminazzjoni tal-istess kuntratt tax-xoghol minn xi parti jew ohra. Ladarba dan huwa l-kaz ma hemm l-ebda raguni ghaliex legalment l-appellant ma kellux jiehu l-beneficcji kollha tal-ligi li jrendu bl-istess regolamenti l-istess kuntratt tax-xoghol minn wiehed ghal zmien definittiv ghal wiehed ghal zmien indefinit, b'dan li l-istess appellant ma kellu u lanqas ghandu jsofri l-ebda tnaqqis mill-beneficcji li kellu taht l-kuntratt ta' xoghol datat 18 ta' Ottubru 2000. Dan kollu ghandu jsehh *in vista* tal-istess regolamenti li japplikaw ghall-kaz *de quo* u li dahlu *in vigore* sabiex l-ligi Maltija timplimenta l-**EC Fixed Term Work Directive 1999/70/EC.**

Illi dwar il-punt li jekk l-appellant kellu ragunijiet oggettivi li jillimitaw it-tigdid ta' dak il-kuntratt ghal terminu ta' zmien fiss jinghad li fil-verita' s-socjeta' appellanti bl-ebda mod ma tterminat il-kuntratt ta' impjieg li kellu appellant maghha u dan minkejja l-fatt li din setghet taghmlu skont il-kuntratt vigenti bejn il-partijiet. Tant huwa minnu dan li

b'ittra datata 20 ta' Mejju 2005 l-Bank informa lill-appellant li ma kienx ser igeddidlu l-kuntratt wara it-30 ta' Novembru 2005, u cjoe' d-data meta l-istess kuntratt ta' zmien definittiv kien jaghlaq, u tah grad H1 li huwa grad superjuri ghal dak li kellu, u ghal dan l-appellant (dak iz-zmien *tramite* d-difensur legali tieghu Dr. Andrew Borg Cardona) sostna li b'effett tal-A.L. 429/02 *"his employment with the bank should be deemed to be on indefinite basis and this with his current conditions remaing in effect".* Din fil-fatt hija l-posizzjoni legali korretta.

Illi ghalhekk a bazi ta' dak hawn deciz din il-Qorti tilqa' l-appell tal-appellanti Victor Hili fis-sens li l-kundizzjonijiet tax-xoghol tal-appellanti ghandhom jkunu skont dawk li huwa kellu skont il-kuntratt datat 18 ta' Ottubru 2000, liema kuntratt b'effett tar-regolamenti fuq imsemmija gie rez bhala wiehed ta' kuntratt tax-xoghol ghal tul indefinit u dan ghandu japplika b'effett mill-1 ta' Dicembru 2005.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appell tas-socjeta` appellanti datata 20 ta' Jannar 2009, **tilqa' l-appell tal-appellanti Victor Hili fir-rikors tal-appell tieghu datat 29 ta' Dicembru 2008** u dan fis-sens hawn deciz, b'dan li fil-waqt li tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet premessi **Kaz. Numru 2350/MF fl-ismijiet "Victor Hili vs Bank of Valletta plc"** datata 15 ta' Dicembru 2008, u minflok taqta' u tiddeciedi li tilqa' t-talbiet tal-appellanti kif minnu proposti fir-rikors tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali fis-sens li l-kundizzjonijiet tax-xoghol tal-appellanti mas-socjeta` appellata ghandhom ikunu skont dawk li huwa kellu skont il-kuntratt datat 18 ta' Ottubru 2000, liema relazzjoni tax-xoghol b'effett tar-regolamenti fuq imsemmija giet reza bhala wahda ta' kuntratt tax-xoghol ghal tul indefinit ta' zmien u dan ghandu japplika b'effett mill-1 ta' Dicembru 2005.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` appellata Bank of Valletta plc.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------